MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 840/2011

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**Julian Spiteri (K.I. 52691M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u tmenin ewro, tlieta u erbghin centezmu (€580.43) in konnessjoni ma servizz/i ta’ kommunikazzjoni numri tal-kont A/C50968624 moghtija mis-socjeta’ attrici u dank if ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat.

Sema' x-xhieda moghtija mill-konvenut fis-seduta tat-12 ta' Frar 2012, fejn il-konvenut deher u ammetta t-talba attrici kif dedotta kontra tieghu.

Ra il-verbal tas-seduta ta' nhar it-12 ta' Frar, 2012 li biha thalliet ghas-sentenza.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-konvenut stess, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tmenin ewro u tlieta w erbghin centezmu (€580,43), bl-imghax kif mitlub fl-avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------